MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 414/2004

### Talba għall-istralċ ta' *Lasercomb Malta Limited*

Dan huwa ordni għal stralċ taħt l-art. 219 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji ["l-Att"].
Il-qorti rat ir-rikors tat-3 ta' Ġunju 2004 ta' Steffen Kirchgeorg bħala direttur f'isem *Lasercomb Malta Limited* ["il-Kumpannija"];
Rat is-sottomissjonijiet tal-kredituri, ir-rapport ta' l-amministratur provviżorju u l-atti kollha fil-proċess;
Rat illi l-Kumpannija ma tistax tħallas id-djun tagħha;
Rat is-Sub-Titolu I tat-Titolu II ta' l-Att;
Tilqa' t-talba u tordna l-istralċ tal-Kumpannija, li għandha titqies li kienet xolta fil-ħin tal-preżentata tar-rikors għall-istralċ.
Taħtar bħala stralċjarju lil Steve Cachia, bis-setgħat u d-dmirijiet imsemmija fil-Kapitolu III tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II u fl-art. 263 ta' l-Att. L-istralċjarju għandu wkoll, kemm jista' jkun malajr, iħejji lista ta' kontributuri skond l-art. 249 u, jekk jidhirlu meħtieġ, jagħmel rapport taħt l-art. 260 ta' l-

Att. Għandu wkoll igħarraf lill-qorti hekk kif ikunu tħarsu l-ħtiġijiet ta’ l-artt. 244 u 264 ta’ l-Att.
Tordna lir-reġistratur jibgħat kopja ta’ dan l-ordni lir-Reġistratur tal-Kumpanniji kif irid l-art. 224(1) ta’ l-Att.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------